



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Settembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0247(COD)

6604/1/21
REV 1 ADD 1

ELARG 3
COWEB 14
CFSP/PESC 183
RELEX 158
FIN 141
CADREFIN 94
POLGEN 29
MIGR 47
CODEC 280
PARLNAT 163

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li
jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)
– Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
– Adottata mill-Kunsill fis-7 ta' Settembru 2021

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-14 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)¹ taħt l-Intestatura 6 ("Viċinat u d-Dinja") tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027.
2. Fil-Parlament Ewropew, il-fajl huwa assenjat lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET). Il-Parlament Ewropew adotta l- pożizzjoni tiegħu fis- 27 ta' Marzu 2019².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fis-sessjoni plenarja fit-12 ta' Diċembru 2018³, u l-Kumitat tar-Reġjuni fis-sessjoni plenarja fil-5 u s-6 ta' Diċembru 2018⁴.
4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE matul il-Presidenza Awstrijaka⁵ u dik Rumena, u fid-19 ta' Marzu 2019 il-Kunsill laħaq qbil dwar l-approċċ ġenerali parzjali⁶.
5. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-21 ta' Lulju 2020 ippermettew il-finalizzazzjoni tal-mandat għal negozjati tal-Kunsill mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fis-sessjoni tiegħu tat-28 ta' Ottubru 2020⁷ wara diskussjonijiet ulterjuri fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE taħt il-Presidenza Ġermaniża.
6. In-negozjati interistituzzjonali mal-Parlament Ewropew dwar l-Istrument propost bdew taħt il-Presidenza Finlandiża, u komplew taħt il-Presidenza Kroata, il-Presidenza Ġermaniża u dik Portugiża.

¹ 10184/18 + ADD 1 + ADD 2

² 7802/19

³ 15601/18

⁴ 15622/18

⁵ 15532/18

⁶ 7539/19

⁷ 12373/20

7. It-trilogu informali finali sar fit-2 ta' Ġunju 2021 u rriżulta fi qbil politiku dwar il-kwistjonijiet pendenti. Kienu meħtieġa aktar laqgħat tekniċi f'Ġunju 2021 biex il-ftehim jissawwar f'test leġislattiv u jiġu solvuti għadd ta' dettalji pendenti, li sussegwentement ġew ikkonfermati bil-miktub bejn il-koleġislaturi.
8. Fl-14 ta' Ġunju 2021, il-ftehim proviżorju ġie ppreżentat lill-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tkabbir u l-Pajjiżi li qed Jinnegozjaw l-Adeżjoni mal-UE, li ma kellu ebda oġġezzjoni għat-test.
9. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma t-test ta' kompromess finali fit-28 ta' Ġunju 2021⁸.
10. Dak it-test tressaq għall-vot ta' konferma mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (AFET) tal-Parlament Ewropew fl-1 ta' Lulju 2021. Fil-15 ta' Lulju 2021, il-President tal-AFET iffirma ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) li ssemmi li, jekk il-Kunsill jibgħat il-pożizzjoni tiegħu formalment lill-Parlament Ewropew fil-forma kif tinsab fl-anness għal dik l-ittra, huma kienu jirakkomandaw lill-plenarja tal-Parlament Ewropew li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi, soġġett għal verifika mill-ġuristi lingwisti, fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.

II. OBJETTIV

11. L-IPA III għandu l-għan li jappoġġa l-benefiċjarji fl-adozzjoni u fl-implimentazzjoni tar-riformi politiċi, istituzzjonali, ġuridiċi, amministrattivi, soċjali u ekonomiċi meħtieġa minn dawk il-benefiċjarji biex jikkonformaw mal-valuri tal-Unjoni u biex progressivament jallinjaw ruħhom mar-regoli, l-istandards, il-politiki u l-prattiki (l-"*acquis*") tal-Unjoni bil-ħsieb ta' sħubija futura mal-Unjoni u b'hekk jikkontribwixxi għall-istabbiltà, is-sigurtà, il-paċi u l-prosperità reċiproka. L-IPA III jiżgura l-kontinwità mal-IPA II (li jkopri l-perijodu 2014-2020) u l-komplementarjetà ma' strumenti (b'mod partikolari l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali) u ma' politiki oħra (eż. dwar it-tibdil fil-klima) tal-Unjoni.

⁸ 9890/21 + ADD1

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

12. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill kellhom negozjati bil-għan li jikkonkludu ftehim fl-istadju tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari ("ftehim bikri fit-tieni qari").
13. It-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari jirrifletti l-kompromess ġust milħuq fin-negozjati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, iffaċilitat mill-Kummissjoni.
14. Il-ftehim jiffoka fuq l-elementi li ġejjin:
 - l-azzjonijiet skont l-IPA III għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' approċċ tematiku, sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-assistenza tal-Unjoni, filwaqt li jiġu żgurati l-konsistenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet mal-oqsma l-oħra tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u mal-politiki u l-programmi rilevanti l-oħra tal-Unjoni;
 - il-koerenza bejn l-assistenza u l-qafas ġenerali tal-politika tat-tkabbir, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-koerenza u tiġi evitata d-duplikazzjoni bejn l-assistenza pprovduta skont l-IPA III u assistenza oħra;
 - l-assistenza skont dan ir-Regolament hija bbażata kemm fuq approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni kif ukoll fuq prinċipju ta' sehem ġust: għandha tkun differenzjata fl-ambitu u fl-intensità skont il-prestazzjoni tal-benefiċjarji filwaqt li għandhom jitqiesu l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet ta' dawk il-benefiċjarji sabiex jiġi evitat livell sproporzjonatament baxx ta' assistenza meta mqabbel ma' benefiċjarji oħra;

- huwa previst li l-ambitu u l-intensità tal-assistenza jistgħu jiġu modulati f'każ ta' rigressjoni sinifikattiva jew nuqqas ta' progress persistenti minn benefiċjarju fl-oqsma fundamentali (l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, l-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika kif ukoll l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività), inkluż billi l-fondi jitnaqqsu proporzjonalment u jiġu diretti mill-ġdid, b'modi li għandhom jevitaw li jikkompromettu l-appoġġ għat-titjib tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż l-appoġġ għas-soċjetà ċivili u, fejn xieraq, il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali. Fejn ikun reġa' beda l-progress, l-assistenza tiġi modulata wkoll skont dan biex isservi ta' appoġġ ulterjuri għal daww l-isforzi;
- bord strateġiku speċifiku fil-ġestjoni tal-operazzjonijiet tal-EFSD+ għall-Balkani tal-Punent;
- tiġi żgurata l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni mir-riċevituri ta' tali finanzjament, b'mod partikolari meta jippromwovu u jirrapportaw dwar l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom billi jenfasizzaw l-appoġġ li rċevew mill-Unjoni u l-benefiċċji tiegħu għannies b'mod viżibbli fuq il-materjal ta' komunikazzjoni relatat mal-azzjonijiet appoġġati bis-saħħa ta' dan ir-Regolament; u billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil udjenzi differenti, inkluż il-media u l-pubbliku, b'mod strateġiku;
- bilanċ bejn id-dispożizzjonijiet proċedurali tal-Istrument: kien hemm qbil li ser jiġu adottati dokumenti ta' programmazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa tadotta atti delegati biex jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jiddefinixxu ċerti objettivi speċifiċi u prijoritajiet tematiċi għall-kooperazzjoni, kif ukoll biex jemendaw il-prijoritajiet tematiċi għall-assistenza u l-lista ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni fl-Annessi II, III u IV;
- id-definizzjoni tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni li għandhom jintużaw biex jgħinu fil-kejl tal-progress u, fejn xieraq, tal-prontezza mill-benefiċjarji elenkati fl-Anness I u l-kontribut tal-Unjoni għall-kisba tal-objettivi speċifiċi tal-IPA III (l-Anness IV);
- l-applikazzjoni retroattiva tar-Regolament mill-1 ta' Jannar 2021 (il-premessa (36)).

IV. KONKLUŻJONI

15. Il-Kunsill jemmen li l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari hija rappreżentazzjoni bilanċjata tal-eżitu tan-negożjati informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew bl-appoġġ tal-Kummissjoni, u li, ladarba jiġi adottat, ir-Regolament il-ġdid ser jissodisfa l-oġġettiv li jiġi żgurat finanzjament effiċjenti, koerenti u komprensiv għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni.
-